

- (3) It-tielet motiv, sussidjarju, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-eżistenza ta' rabta ta' allokkazzjoni restrittiva bejn il-kontribuzzjonijiet volontarji estiżi u l-azzjonijiet imwettqa mir-rikorrenti.
- (4) Ir-raba' motiv, iktar sussidjarju, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-konklużjonijiet li l-qorti nazzjonali għanda tislet min-nuqqas ta' notifika tal-kontribuzzjonijiet volontarji estiżi. Il-Kummissjoni tteggieg, fil-punt 202 tad-deċiżjoni kkontestata, lill-qrati nazzjonali sabiex jordnaw il-ħlas lura tal-kontribuzzjonijiet volontarji estiżi u l-invalidità tal-għajjnuna, u lill-persuni interessati jressqu kawża quddiem il-qorti nazzjonali, meta l-qorti nazzjonali ma hijiex obbligata li tordna l-ħlas lura tal-għajjnuna u tal-kontribuzzjonijiet volontarji estiżi minħabba li tali ħlas lura jista' jkun ta' natura li ma hijiex xierqa u impossibbli fil-prattika.

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Jannar 2012 — Fomanu vs UASI (Qualität hat Zukunft)**

(Kawża T-22/12)

(2012/C 80/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Fomanu AG (Neustadt an der Waldnaab, il-Ġermanja) (rappreżentanti T. Raible, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-27 ta' Ottubru 2011 fil-Każ R 1518/2011-1;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-appell u ta' dan ir-rikors.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "Qualität hat Zukunft", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16 u 40

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li t-trade mark Komunitarja kkonċernata għandha karattru distintiv.

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2012 — PT Musim Mas vs Il-Kunsill**

(Kawża T-26/12)

(2012/C 80/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: PT Perindustrian dan Perdagangan Musim Semi Mas (PT Musim Mas) (Medan, l-Indoneżja) (rappreżentant: D. Luff, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1138/2011, tat-8 ta' Novembru 2011, li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċerti alkoħols xaħmija u t-taħlitiet tagħhom li joriġinaw mill-Indja, l-Indoneżja u l-Malasja (ĠU 2011 L 293, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat", sa fejn japplika għar-rikorrenti;

- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv li jsostni

- li l-Qorti Ġenerali hija kompetenti sabiex tistħarreġ l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament ikkontestat u l-konformità tagħhom mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku") u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

(2) It-tieni motiv isostni

- li l-Kunsill kiser l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku peress li:

- (a) wettaq żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti u użu ħażin tal-poter billi ċaħad l-eżistenza ta' "entità ekonomika unika" bejn ir-rikorrenti u s-sussidjarja tagħha li tieħu ħsieb il-bejgħ f'Singapore. Matul l-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni deliberatament injorat il-fatti esposti mir-rikorrenti dwar il-kumpanniji relatati;